# ITTRA LIL ĦABIB

## FUQ XI DRAWWIET LI QED JINBIDLU MA' OĦRAJN ĠODDA

Għażiż ħabib,

Nistħajlek tgħid, bejnek u bejn ruħek, illi, kemm ilek imsiefer, jiena nsejtek. Iżda dan mhux minnu. Jiena ma niktiblekx mhux għax insejtek, iżda għax ma tantx insib xi ngħidlek ħwejjeġ li bihom inti tieħu gost. Dan l-aħħar, imma, jiena żort xi rħula ta' Malta, u billi naf li inti għadek tħobb l-irħula (għax ġo wieħed minnhom int twelidt) jiena biħsiebni niktiblek xi ħaġa fuq dak li jiena rajt u ħsibt f'dawn iż-żjajjar tiegħi.

Bħal ma taf inti, jiena ili żmien noqgħod il-Belt, u għalkemm il-ħajja ta' l-ibliet hija xort'oħra minn dik ta' l-irħula, jiena qatt ma stennejt nara bidla hekk kbira fil-ħajja u fiddrawwiet tar-raħħala, li qalbhom aħna trabbejna meta konna għadna tfal. Huwa minnu li xi drawwiet qodma għadhom jinsabu fl-irħula tagħna; iżda bil-ftit il-ftit dawn qed jinbidlu ma' oħrajn ġodda.

Fost l-isbaħ drawwiet tan-nisa tagħna nsibu l-ilbies talgħonnella. Din għadhom jilbsuha f'irħula, l-iktar biex imorru l-Knisja għall-prietka jew għall-Quddiesa. Iżda l-iktar li jilbsuha huma l-ommijiet li kienu mrobbija fi żmien ftit xort'oħra minn tagħna; l-għadd tax-xebbiet bl-għonnella qed jonqos ħafna. Tara tfajliet ta' xi ħmistax jew tmintax-il sena sejrin il-Knisja, biċċiet minnhom, flok bl-għonnella, b'kappell il-moda fuq rashom jew b'xi 'berè mixtrija jew maħduma. Imbagħad hemm din ukoll: illi f'xi rħula daħal 'it-talkies' u billi d-dħul jagħmluh irħis in-nies tmur bil-bosta. Drawwa oħra b'hekk qiegħda tonqos, għax issa minnflok ma n-nies nhar ta' Ħadd wara nofs-in-nhar tmur għall-Għasar, qiegħda tmur għall-'Matineè'. Biex imorru t-talkies ix-xebbiet ma jilbsux l-għonnella, għax din tieħu wisa' wisq, iżda jmorru jew xuxa jew bil-kappell. B'dawn il-għadiet ġodda qed tinqered waħda mill-isbaħ drawwiet ta' Malta, drawwa li biha kien jifraħ il-barrani meta jiġi hawn.

Drawwa oħra li għadek issibha f'xi rħula Maltin hija dik taż-żwieġ Malti. F'xi raħal imbiegħed għadek tisma' illi wieħed bagħat joħtob 'il waħda. Iżda dan ma jiġrix ta' sikwit. Daż-żmien saret ħaġa tqile ssib xbejba li għad qatt ma kellmet 'il ħadd. Fl-irħula ssib li n-nies ukoll qed tieħu d-drawwa li

jinnamraw u l-ħuttaba ma tantx qed ikollhom x'jagħmlu għax daż-żmien kullħadd jaf ikellem waħda hu bla ma jqabbad 'il-ħuttab.

U mbagħad fejn hi dik id-drawwa ta' meta konna għadna żgħar, li ta' kull nhar ta' Ħadd in-nies tar-raħal tiltaqa' f'xi ħanut tax-xorb u joqogħdu jgħannu. Kien ikun fihom gost, dawk in-nies tax-xogħol, dak il-jum ta' btala, imdawrin ma' xi mejda tal-ħanut fejn kien ikun hemm xi wieħed bil-kitarra idoqq, waqt li huwa n-nifsu jew xi ħadd ieħor erħilu jgħolli leħnu u jsemma' għanja ta' ferħ jew ta' swied il-qalb, ta' mħabba jew ta' mibegħda, ta' biża' jew ta' għira; f'kelma waħda, il-għanja tat-taqlibiet li kien iħoss ġewwa qalbu. Illum ftit li xejn għadek issib minn dawn. Daż-żmien għandna "r-radjo"; tisimgħu jitkellem, iredden bla ma jaqta' ma' tul il-jum, tisma' għana b'kull ilsien, minn l-ibgħad artijiet tad-dinja, u dar-radjo qed jidħol fl-irħula f'lok dik id-drawwa qadima tagħna li għadni kif semmejtlek; qed iwarrabha, u ma jdumx ma jitfiha għal kollox.

Fi tfulitna, tiftakar kif kienu jilbsu n-nies, l-irġiel qalziet u sidrija, u n-nisa bid-dublett. Dawn għadek tista' ssibhom; iżda f'lok dawn issib ukoll illi l-irġiel qed jilbsu l-ġlekk bħal ta' l-ibliet u n-nisa qed jagħmlu lbiesi li nannietna qatt ma ħolmu biss bihom (1). Fejn dari żarbun wieħed kien idumlek għomor, illum trid wieħed jaqbel għal kull libsa, u ħafna minnisa jixtruhom dawn il-ħwejjeġ biex ma jkunux agħar minn ħaddieħor, u jixtruhom bid-dejn.

Uħud mir-raħħala ma għadhomx jaħdmu kif kienu qabel. F'xi rħula għadek issib xi nisa jaħdmu l-bizzilla jew inkella jinsġu; iżda dawn qed jonqsu wisq, għax daż-żmien hawn ta' barra b'xejn, u l-bizzilla u d-drapp ta' Malta ma tantx għadhom moda. Għalhekk dawk in-nies li qabel kienu jaħdmu f'dawn il-ħwejjeġ issa raw kif għamlu u sabu xi ħaġa oħra x'jagħmlu.

Jiena ma rridx intawwal, u hawnhekk biħsiebni nieqaf. Nibgħat inselli għalik ħafna, u nittama illi inti qawwi u sħiħ, bħal ma jiena ninsab; u illi inti tilqa' bil-ferħ din l-ittra minn għand

Il-ħabib tiegħek

Ġużè Cassar-Pullicino

(Student tal-Letteratura)

(1) Fost il-bidliet kollha li saru fl-irħula din żgur mhix waħda mill-ħżiena! Ir-raħli Malti bil-ġlekk u biż-żarbun jew bil-qorq, hu 'reklam' għal Maltin tas-seklu 20, u għalkemm id-dublett tax-xebba moderna mhux dejjem xieraq, mhux b'daqshekk id-dublett tan-nanna kien xi ħaġa qaddisa jew sabiħa. (Nota ta' l-Ed.)